MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 414/2012

**Sylvia McGee**

**vs**

**Michelle Bell**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Sylvia McGee li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Patrick James McGee miet f’Novembru tas-sena 1991 u halla lil martu, r-rikorrenti Sylvia McGee bhala l-unika eredi tieghu b’testment datat 27 ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (1985) (hawn anness u mmarkat bhala Dokument B).

Permezz ta’ dan it-testment, Patrick James McGee halla wkoll lir-rikorrenti f’klawsola numru 4, “*all my estate of whatsoever kind and whatsoever situate to my wife absolutely and without any sort of trust or obligation*.”

Il-proprjetà tat-testatur Patrick James McGee tinkludi proprjetà hawn Malta ossia semi detached villa bl-isem Quaker Garth, bin-numru 1, Triq il-Baltiku, The Village, San Giljan.

Ir-rikorrenti ddecidiet tbiegh din il-proprjetà u fl-24 ta’ Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) hija ffirmat konvenju (hawn anness u mmarkat bhala Dokument C) u l-kuntratt finali kellu jsir fit-30 ta’ Jannar 2012.

Billi l-intimata, bint it-testatur, minn Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) ‘l hawn bdiet tippretendi li ghandha xi jedd fuq din il-proprjetà u permezz ta’ avukati Maltin, kif ukoll minn avukat Ingliz, bdiet tibghat ittri u emails fejn qeghdha tippretendi xi sehem mill-wirt ta’ missierha.

Dawn il-pretensjonijiet minghand l-intimata huma kompletament infondati u bla bazi billi r-rikorrenti hija l-unika

werrieta tal-istess Patrick James McGee u ilha fil-pussess tal-wirt tieghu mid-data tal-mewt tieghu, cioe' ghal l-ahhar wiehed u ghoxrin (21) sena.

Minhabba dawn il-pretensjonijiet, r-rikorrenti soffriet dannu fis-sens illi tilfet ic-cans li tbiegh il-proprjetà, u fil-fatt fis-26 ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) hija flimkien max-xerrejja iffirmaw kitba privata fejn ikkancellaw u rrevokaw l-imsemmija konvenju.

L-intimata baqghet tippretendi illi ghandha xi dritt jew sehem mill-imsemmi proprjetà, u dan minghajr ebda bazi.

Din il-pretensjoni tal-intimati saret permezz ta' diversi ittri u emails maghmula mill-avukati Maltin tal-intimata fis-7 ta' Ottubru 2011, u fit-18 ta' Ottubru 2011, kif ukoll mill-avukati Inglizi fl-20 ta' Novembru 2011, 25 ta' Novembru 2011, tad-2 ta' Dicembru 2011, tad-9 ta' Dicembru 2011 u fl-10 ta' Frar 2012 li kopji taghhom qeghdin jigi hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "D1-D8".

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprefiggi terminu lill-istess intimata a tenur ta' l-Artikoli 403 u 404 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex f'dan it-terminu l-intimata ggibu 'l quddiem b'kawza l-pretensjoni taghha.

2. Fin-nuqqas, timpedixxi lill-intimata milli qatt izjed ma tagixxi ghal dik il-pretensjoni.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Frar 2012 u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-istess intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Michelle Bell li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament il-proceduri odjerni huma irriti u ai terminu tal-Artikolu 415 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) huma inammissibbli fil-konfront tal-intimata Michelle Bell stante illi l-istess intimata hija persuna assenti minn Malta.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni sabiex tissindika t-talbiet attrici ai termini tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2011 tat-22 ta' Dicembru 2000 dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali (O.J.L12/1 16.1.2001), ghaliex skond l-istess Regolament kawzi kontra persuni domiciljati fi Stat Membru ghandhom isiru fil-Qrati ta' l-Istat Membru li fih huwa domiciljata gewwa l-Ingilterra u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni taqta' u tiddeciedi din il-kawza.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, l-azzjoni hija intempestiva u rritwali billi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti jikkostitwixxu jeddijiet incerti u jeddijiet li ma jistghux jingiebu

‘l quddiem f’dan iz-zmien ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kap. 12 billi ma huwiex minnu illi l-intimata hadet xi passi biex twaqqaf il-bejgh tal-proprjetà in kwistjoni, izda kienet ir-rikorrenti stess li ddecidiet minn jeddha li ma tkomplix bil-bejgh tal-proprjetà probabbilment ghaliex kellha dubbji dwar jekk kienitx ser tikser il-jeddijiet ta’ terzi jekk tipprocedi bl-istess bejgh.

Preliminarjament ukoll, ma jista’ jigi mpost ebda terminu fuq dak possedut legittimamament mill-eccipjenti ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kodici Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jinkorrux l-elementi mehtiega bil-ligi sabiex tigi interposta l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-eccipjenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Bis-subizzjoni tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat li, minkejja li fuq talba taghha stess, ir-rikorrenti giet koncessa terminu sabiex tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, dan it-terminu thalla jiskadi inutilment.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimata.

Din hija kawza ta’ jattanza, mressqa ai termini tal-Art. 403 u 404 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jirrizulta illi Patrick James McGee, zewg ir-rikorrenti u missier l-intimata, miet f’Novembru 1991. B’testment tal-1985 li dwar il-validità tieghu jidhru li qed jitqajjmu dubbji, halla lir-rikorrenti bhala uniku eredi. Id-defunt kellu proprjetà immobbli f’Malta. Ir-rikorrenti li ma tghix f’Malta, ddecidiet li tbieghha. L-intimata, li ukoll tghix barra minn Malta, qeghda tippretendi li ghandha jedd fuqha. Tali pretensjoni ssemmiet bil-miktub diversi drabi. Ghalhekk ir-rikorrenti permezz ta’ dawn il-proceduri qeghda titlob lill-intimata tiddeduci l-pretensjoni taghha formalment jew inkella qatt aktar ma ssemmiha.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimata titqies sorvolata ghal zewg ragunijiet: hija giet formalment notifikata fl-Ingilterra u inoltre, kienet ga ressqet twegiba ghall-kawza u b’hekk titqies bhala mgharrfa skond il-ligi bil-kawza. L-intimata tecceppixxi preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti.

Jirrizulta illi r-rikorrenti u l-intimata huma t-tnejn barranin, kif kien id-defunt. It-testment tad-decuius sar fl-Ingilterra.

Mill-banda l-ohra, jirrizulta illi l-ittri li allegatament jikkostitwixxu millantanza tal-pretensjonijiet tal-intimata inkitbu f'Malta, kienu ittri mibghuta ghan-nom tal-istess intimata fir-rigward ta' proprjetà mmobbli ezistenti f'Malta u li dwarha kien mahsub li jsir kuntratt ta' bejgh f'Malta.

L-iskop tal-azzjoni ta' din ix-xorta hija sabiex tigi eskluza l-incertezza dwar drittijiet, f'dan il-kaz dwar drittijiet fuq proprjetà mmobbli f'Malta li fuqha din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni.

L-intimata f'dawn il-proceduri issejjes il-posizzjoni taghha fuq l-Art. 2 tar-Regolament 44 tal-2001 tal-Unjoni Ewropea. Madankollu din il-Qorti tqis li s-sitwazzjoni f'din il-kawza hija wahda minn dawk ravvizati bhala eccezzjonijiet fit-Taqsima 6 tal-istess regolament u dan precizament ghaliex tirrigwarda proprjetà immobbli f'Malta.

Il-Qorti tqis ghalhekk li l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ma tistax tigi akkolta.  Dan ma jfissirx, madankollu, li din il-Qorti qeghda b'xi mod tippronunzja ruhha fuq il-gurisdizzjoni taghha sabiex tigi deciza xi vertenza dwar l-eredità.  Xejn minn dan.  Il-Qorti, permezz tal-procedura odjerna jehtiegilha li tistabilixxi, fost hwejjeg ohra essenzjali sabiex l-azzjoni tirnexxi u li huma partikolari ghall-azzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimata u tordna li l-kawza titkompla regolarment biex tinstema' u tinqata'.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------